**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 31 ta' Ottubru 2019**

**Kumpilazzjoni numru 580/2011**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Ian J. Abdilla)**

**vs**

**Michael Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Michael Borg** li gie akkuzat talli, personalment u/jew fil-kapacità tieghu ta' segretarju ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Hal Luqa, f'Marzu 2010 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess diposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Minghajr awtorizzazzjoni

   i. Uza kompjuter jew xi taghmir jew apparat iehor biex jidhol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg li jinzammu f'dak il-kompjuter jew f'xi kompjuter iehor, jew uza, ikkopja jew immodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk; kif ukoll

ii. Gharraq it-thaddim ta' xi sistema, software jew l-integrità jew affidabilità ta' xi data; kif ukoll
iii. Installa, nehha, biddel, ikkancella, qered, varja, jew zied ma' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg.

meta tali reat jikkonstitwixxi att li b'xi mod kien ta' hsara ghal xi funzjoni jew attività tal-Gvern, jew tellef, gharraq jew interrompa b'xi mod li jkun l-ghoti ta' xi servizz jew utilità pubblika;

2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' iktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu;

3. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

4. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, fil-kapacità tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantagg tieghu, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu, jew seraq tali flejjes tal-Gvern u oggetti ohra;

5. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti permezz ta' digriet tal-Onor. Prim' Imhallef Silvio Camilleri datat 26 ta' Ottubru 2017 wara li kienet giet differita *sine die* minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta' Marzu 2015;

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali datata 20 ta' Mejju 2019 permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta:[1]

Fl-artikoli 18 u 337C(1)(a),(e) u (g) u 337F

Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310

Fl-artikoli 18, 308, 309 u 310

Fl-artikoli 18 u 127

Fl-artikoli 18 u 188

Fl-artikoli 17, 31 u 533;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni;

Rat l-atti processwali;

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza;

**Ikkunsidrat**:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab akkuzat b'diversi reati allegatament kommessi meta huwa kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Luqa.

Illi jirrizulta illi dawn il-proceduri gew inizjati wara rapport tal-Internal Audit and Investigations Department (IAID) li nvestigat rapport li kien ghamel id-Dipartiment

[1] A fol. 153

tal-Gvern Lokali wara li kien allegat minn kunsillier partikolari li kien hemm xi rregolaritajiet fit-thaddim tal-*petty cash*.

In vista tad-digriet ta' din il-Qorti tas-17 ta' Lulju 2019, il-Qorti qieghda tiskarta l-istqarrija tal-imputat u kwalunkwe referenza li setghu ghamlu x-xhieda ghal kwalunke haga li ntqalet mill-imputat, kemm lill-Pulizija u kif ukoll lill-ufficjali tal-IAID, u dan anke ghaliex ma jirrizultax illi fil-kaz tal-intervisti mal-IAID l-imputat inghata t-twissija li ghandu dritt ma jinkriminax ruhu.

Il-Qorti sejra issa taghmel referenza, in succint, tax-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjojni.

**L-Assistant Kummissarju Ian J. Abdilla** spjega illi f'Jannar 2011 il-Pulizija kienet irceviet rapport tal-IAID dwar investigazzjoni li kienet saret dwar irregolaritajiet fil-Kunsill Lokali ta' Hal-Luqa bejn Lulju 2007 u Marzu 2010. Skont dan ir-rapport kien jirrizulta illi kienu hargu cekkijiet f'isem l-imputat u terzi li ma kinux qed jirriflettu fl-*accounting system.*

**Joanna Bartolo,** rapprezentant tal-Bank of Valletta plc, esebiet kopja ta' erbatax (14)-il cekk mahruga mill-Kunsill Lokali ta' Hal-Luqa, b'ghaxar (10) minnhom indirizzati lil Ingrid Borg, wiehed (1) lil Maurice Sacco, wiehed (1) lil Michael Borg u tnejn (2) lil Angie Refalo, liema cekkijiet gew kollha msarrfa.

**Amanda Zammit**, Direttur Generali tal-IAID, ipprezentat ir-rapport li ghamel l-istess Dipartiment fir-rigward tal-allegati irregolaritajiet.

**Mario Debono,** eks ufficjal tal-IAID, spjega li r-rwol tieghu kien wiehed supervizorju u li kien ghamel supervizjoni tar-rapport ipprezentat minn Amanda Zammit wara li l-IAID ircieva ittra minghand id-Direttur Generali tal-Gvern Lokali biex jaghmlu investigazzjoni. Jispjega li huwa kien prezenti ghal tlett intervisti mal-imputat.

**Francis Saviour Darmanin**, eks ufficjal tal-IAID, spjega illi kien huwa li hadem fuq ir-rapport ipprezentat mill-IAID pero` bl-ebda mod ma elabora fuq ir-rizultanzi tieghu. Jispjega li rigward procedura ta' investigazzjoni ma kien hemm ebda regolament kif din ghandha ssir.

**Ingrid Borg,** skrivana tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Luqa, spjegat illi hija kienet tmur il-bank taghmel id-depoziti tal-flus tal-Kunsill. Tghid li l-imputat gieli kien jghidilha biex issarraf cekk ghall-*petty cash* u kien jaghmel ic-cekk fuqha peress li

hi kienet se tmur il-Bank. Meta hija kienet issarraf l-istess cekk, hija kienet tghaddi l-flus lill-imputat ghall-*petty cash*.

**Adrian Mifsud**, Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, stqarr illi fiz-zmien li saret l-investigazzjoni in kwisjtoni huwa ma kienx ufficjal tal-istess Dipartiment u ghalhekk esebixxa kopja ta' estratti mill-fajl rigward din il-kwistjoni.

**Angie Refalo**, assistent principal fil-Kunsill Lokali ta' Hal-Luqa, spjegat illi hija kienet taghmel l-entrati tad-dhul ta' kuljum u wara kienet tghaddi l-flus li jidhlu lill-imputat sabiex jigu depozitati l-Bank jew jitpoggew fis-*safe deposit*. Rigward il-flus tal-*petty cash* spjegat illi l-imputat kien jghamel ic-cekkijiet u hi u kollega taghha kienu jsarrfuhom u jgibu l-flus lura u jaghtuhom lill-imputat. Tispjega li f'xi zmien il-Kunsillier Victor Caruana kien talab lill-imputat il-fajl tal-*petty cash* u nfethet investigazzjoni. Tispjega li sussegwentement kienu marru l-awdituri u ghamlu *internal audit*.

**John Schembri,** Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Luqa, spjega illi bhala segretarju ezekuttiva l-imputat kien responsabbli mill-fondi tal-Kunsill. Jispjega li meta l-Kunsill kien ikun irid jaghmel xi attivita` li ma kienx ikun hemm fondi ghaliha, l-imputat kien jigbed l-attenzjoni tal-Kunsill. Jispjega li f'xi zmien lejn it-tmiem tal-impjieg tal-imputat minhabba li kien se jirtira bl-eta`, il-Kunsillier Victor Caruana, kien talab lill-imputat jaghtih rendikont tal-*petty cash* u xi affarijiet ohra. Madankollu l-imputat kien lahaq spicca mix-xoghol biz-zmien u ma lahaqx ta r-rendikont mitlub lil Caruana u ghalhekk Caruana beda jaghmel certi allegazzjonijiet illi l-imputat kien ghaddih biz-zmien. Ix-xhud spjega illi huwa hass li l-allegazzjoni li kien ghamel Caruana kienet timmerita investigazzjoni u talab lid-direttur tal-Gvern Lokali taghmel investigazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-fatti li xehdu dwarhom ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni jirrizulta illi fil-perjodu ta' bejn it-18 ta' Lulju 2007 u d-9 ta' Ottubru 2009, l-imputat kien indirizza tlettax (13)-il cekk lil impjegati tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Luqa u cekk iehor lil certu Maurice Sacco li pero` ma giex prodott sabiex jixhed f'dawn il-proceduri.

Illi minn dak li fehmet il-Qorti mix-xhieda ta' Ingrid Borg u Angie Refalo, l-imputat kien jindirizza c-cekkijiet fuqhom, huma jmorru l-Bank u jsarrfuhom u sussegwentement dawn jidhlu fil-*petty cash*. Jirrizulta wkoll illi l-Kunsillier Victor Caruana kellu xi suspetti li seta' kien hemm xi rregolaritajiet f'dan kollu u ghalhekk

talab lill-imputat jghaddilu rendikont tal-*petty cash*. Madankollu l-istess Victor Caruana ma giex prodott bhala xhud mill-Prosekuzzjoni u kwindi din il-Qorti ma hix f'posizzjoni li tivverifika jekk dan sarx jew le. Jirrizulta pero` li dan ir-rendikont kien intalab xi ftit gimghat qabel ma' l-imputat irtira bl-eta`. Jirrizulta wkoll illi wara li l-imputat irtira bl-eta` l-istess Kunsilleri kompla jallega li kien hemm xi irregolaritajiet u ghalhekk is-Sindku rrefera l-allegazzjonijiet ghal investigazzjoni da parti tad-Dipartiment tal-Kunsill Lokali,[2] li dan talvolta rrefera l-allegazzjonijiet lill-IAID.[3] Illi l-Qorti tinnota li ghalkemm dawn l-ittri gew esebiti mid-Direttur prezenti tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, l-ebda wahda minnhom ma hi l-ahjar prova stante li gew redatti minn terzi li ma kkonfermawhomx bil-gurament.

Illi fir-rigward tar-rapport tal-IAID li jinsab esebit a fol. 49 *et sequitur* tal-process, dan gie konfermat mill-persuna li rredigietu. Id-difiza fis-sottomissjonijiet taghha sahqet illi dan ir-rapport m'ghandhux ikollu valur probatorju stante li jikkostitwixxi biss opinjoni u dan ghaliex ma giex redatt minn espert nominat minn din il-Qorti. Illi din il-Qorti ma taqbilx illi dan ir-rapport m'ghandu l-ebda valur probatorju pero` din il-Qorti se tkun qieghda titratta l-istess rapport b'cirkospezzjoni in vista li huwa karenti mis-salvagwardji bazici li ghandu dritt ghalihom persuna li tkun qed tiffaccja investigazzjoni, fosthom li persuna ghandha d-dritt ma tinkriminax ruhha.

Illi l-Qorti tqis li huwa opportun li tikkwota l-konkluzzjoni tar-rapport tal-IAID, u cioe`:-

*"Whilst confirming the Monitoring Unit's reported findings on breaches of procedure in the accounting of petty cash at the Luqa Local Council (letter dated 11th June 2010), the results of the IAID investigation indicate that the former executive secretary knowingly made fictitious entries in the council accounts, misappropriated public funds and carried out fraudulent activities during his term as executive secretary at the Luqa Local Council.*

*The former executive secretary by his actions was in breach of regulations falling under PART 11 Accounting in particular Article 4 (1) (b) and (e) and under PART III Control & Responsibility in particular Article 5 (1) and (2) and Article 6 (1) under PART VII Banking Arrangements in particular Articles 19 (3), 20, and 21 (2) (b) and (3) and under PART VIII Article 23 (1) (a) and Article (1) (2) (3) (4) and Article 27 of the Local Councils (Financial) Regulations.*

*The Luqa mayor, admitted to signing blank cheques without question in breach of Article 21 (d) of the Local Council (Financial) Regulations. He also failed to identify*

[2] Ittra a fol. 104
[3] Ittra a fol. 102

*that on occasions, certain cheques that he had signed had not been included in the schedule of payments presented to council for approval. By these omissions the mayor undermined the important control function with which he, as mayor and as signatory for council cheques, is entrusted.*

*The mayor was also involved in other actions, namely issues 5.5.1 – 5.5.4, in which Local Council Regulations were breached.*

*As explained in section 2 above "Scope", the auditors limited themselves in their procedures. The procedures performed do not allow the full quantification of the extent of the irregularities and fraud taking place at the Luqa Local Council between July 2007 and March 2010."*

Illi l-Qorti tinnota illi l-IAID investigat numru ta' cirkostanzi apparti l-kwistjoni tal-*petty cash.* Madankollu il-Qorti tirrileva illi **l-ebda cirkostanza jew prova ohra minn dawk imsemmija fir-rapport tal-IAID ma gew imsemmija jew ppruvati mill-Prosekuzzjoni.** L-uniku agir li ffukat fuqu l-Prosekuzzjoni f'din il-kawza kien proprju ic-cekkijiet li hareg l-imputat u li ssarrfu minn terzi biex eventwalment regghu gew impoggija fil-*petty cash*.

Illi minn qari tal-artikoli mahruga mill-Avukat Generali u mill-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tal-imputat, jirrizulta illi l-imputat qieghed jigi akkuzat bis-segwenti reati u cioe` li :

**1.** ***i. uża computer jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex jidħol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-computer jew f'xi computer ieħor, jew tuża, tikkopja jew timmodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawn (artikolu 337C (1) (a);***

***ii. gharraq it-thaddim ta' xi sistema, software jew l-integrita` jew affidibilita` ta' xi data; (artikolu 337C (1) (e) qabel ma gie emendat bl-Att VII tal-2010);***

***iii. installa, nehha, biddel, ikkancella, qered, varja, jew zied ma' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ (artikolu 337C (1) (g) qabel ma gie emendat bl-Att VII tal-2010 u l-Att VIII tal-2015)***

***meta tali reat jikkostitwixxi att li b'xi mod kien ta' hsara ghal xi funzjoni jew attivita` tal-Gvern, jew tellef, gharraq jew interrompa b'xi mod li jkun l-ghoti ta' xi servizz jew utilita` pubblika.***

Illi l-Qorti tirrileva illi ma ngabet l-ebda minimu ta’ prova la tal-att materjali u lanqas tal-att formali li permezz taghha tista’ tasal ghal xi tip ta’ sejbien ta’ htija fl-imputat ghal dawn ir-reati ipotezzati fil-konfront tieghu. Illi f’dawn il-proceduri ma gie esebit l-ebda *computer* u ma gie esebit l-ebda *software* u kwindi fl-assenza totali ta’ provi qieghda tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni.

2. Illi permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputat qieghed jigi addebitat bir-reat ta’ **approprazzjoni indebita**, permezz tat-tielet imputazzjoni bir-reat ta’ **frodi** u permezz tar-raba imputazzjoni bir-reat ta’ **storn**. Illi d-difiza sostniet illi dawn ir-reat inghataw bhala alternattiva ghal xulxin u l-Qorti taqbel ma’ dan.

Illi fir-rigward tar-reat ta’ **approprazzjoni indebita** ai termini tal-artiklu 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, il-ġurisprudenza Maltija tghallem li :

*“L-element partikolari tar-reat ta' approprjazzjoni indebita mhuwiex l-uzu ta' l-ingann da parti ta' l-agent biex jottjeni l-oggett, izda l-inversjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand is-suggett passiv bil-libera volonta' ta' dan. Fl-approprjazzjoni indebita ma jezisti ebda element ta' frodi fis-sens li fl-approprjazzjoni indebita m'hemmx l-element ta' fiducja li essenzjalment jiffacilita tali reat.”*[4]

In oltre fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs John Gauci***, ġie kkunsidrat is-segwenti:

*“Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers’.”*[5]

---

[4] Pulizija vs Joseph Muscat, Imħallef Victor Caruana Colombo, Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, deċiża nhar it-3 ta’ Marzu 1997.
[5] Imħallef Victor Caruana Colombo, Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, deċiża nhar l-14 ta’ Frar 1997.

Di piu', skont is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Giuseppa Cauchi*** intqal is-segwenti:

*"Il-fatt li wiehed jiehu flus minn ghand iehor taparsi biex jislifhom lin-nies, imma fil-fatt izommhom ghalih u ma jroddhomx lil min tahomlu, jammonta ghal approprjazzjoni indebita. Ghad-delitt ta' approprjazzjoni indebita jehtieg li l-hati jkun ghamel mill-haga lilu fdata "konversjoni"; u hemm konversjoni, "inter alia", meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat, u minflok hu jikkonvertiha ghal beneficcju tieghu stess, jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghall-pattijiet stipulati in bwona fede."*[6]

Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza huwa meħtieġ li min ikun akkużat li kkometta dan ir-reat irid ikollu l-intenzjoni ċara li minflok jonora l-pattijiet li jkunu ġew miftehmin in buona fede mal-vittma jew minflok jonora l-obbligazzjonijiet tiegħu li jrodd lura l-ħaġa li tkun ġiet fdata lilu mill-vittma ai fini tal-osservanza ta' dak il-ftehim, huwa jikkonverti a benefiċċju tiegħu innifsu jew għal ħaddieħor l-oġġett jew il-flus li hu jkun ġie fdat bihom.

Illi fil-kaz in ezami din il-Qorti ma tarax illi l-imputat b'xi mod zamm a beneficcju tieghu il-flus li ssarrfu mic-cekkijiet jew li nkella uzahom ghal xi beneficcju ghajr dak tal-htigijiet tal-Kunsill Lokali.  Iktar minn hekk jirrizulta illi c-cekkijiet esebiti huma ffirmati mis-Sindku Joseph Schembri u f'dawn il-proceduri l-istess Schembri bl-ebda mod ma qal illi l-istess flejjes qatt gew approprjati mill-imputat indebitament. Kwindi, fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan ir-reat ma jissussistix.

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputat qieghed jigi addebitat ir-reat ta' **frodi** b'ghemil qarrieqi ai termini tal-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali.

Illi biex jissussisti r-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut diversi drabi fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati taghna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex, irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat, u cioé bejn min qieghed jikkommetti r-reat u l-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana r-reat, u cioé l-uzu ta' ingann jew raggiri li jwasslu lill-vittma sabiex isofri t-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura r-reat tat-truffa ma jistghax jissussisti.

[6] Imħallef William Harding, Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, deċiża nhar il-21 ta' Novembru 1953.

Illi f'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** moghtija fit-22 ta' Frar 1993, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghamlet esposizzjoni dettaljata ghar-rigward ta' l-elementi ta' dana r-reat:

*"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz,u ghal Esroquerie fil-Kodici Franciz. [...]*
*Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-Artikolu 430 tal-Codice delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (Artikolu 405) avolja dan, il-Codice delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi [...].*

*Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta' l-ingann u tar-raggiri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*
*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min:*
*a) b'mezzi kontra l-ligi, jew*
*b) billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*
*c) ta' kwalifiki foloz jew*
*d) billi jinqeda b'qerq iehor u*
*e) ingann jew*
*f) billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen lezistenza*
*ta' intraprizi foloz,*
*g) jew ta' hila;*
*h) setgha fuq haddiehor jew*
*i) ta' krediti immaginarji jew*
*j) sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika,*
*jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*[...H]u necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. [...]"*

Dwar l-artifizji intqal mill-Qorti illi *"hemm bzonn biex ikun reat taht l-Artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza* ***Reg vs. Francesco Cachia e Charles Bech*** *(03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed é necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede"".*

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** kwotata iktar 'il fuq, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali iccitat lill-Imhallef Guzé Flores fejn qal illi:

*"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita' ta' verita' kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene".*

L-istess Imhallef Flores kompla jghid li:
*"....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioé kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewlieni fir-reat tal-frodi huwa *"l'elemento del danno patrimoniale"*. Biex imbaghad jissussisti dana t-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "*I tre momenti di cui si*

*compone il reato é cioé la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione Penale Sez. II 3 ottobre 2006 n. 34179)*

Illi, ghar-rigward tal-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, cioé **Il-Pulizija vs. Patrick Spiteri**, deciza fit-22 ta' Ottubru 2004:

*"L'agente [...] deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quel profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta' sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

Issa, wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-esposizzjoni legali tar-reat ta' frodi kif indikat hawn fuq, u wara li kkunsidrat dak li jirrizulta mill-atti processwali u li gie espost hawn fuq f'din is-sentenza, il-Qorti tinnota li minn imkien ma jirrizulta li l-imputat ghamel dak imsemmi f'Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn imkien ma jirrizulta sodisfacentement pruvat li l-imputat kellu xi intenzjoni li jaghmel xi qliegh b'qerq. Anzi, x-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni xehdu illi meta kienu jsarrfu c-cekkijiet dawn kienu jidhlu fil-*petty cash* tal-Kunsill. Kwindi ma kien hemm l-ebda qliegh la dirett u lanqas indirett ghall-imputat.

Ghaldaqstant isegwi li anke t-tielet imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat se jigi liberat minnha wkoll.

Illi permezz tar-raba' imputazzjoni, l-imputat gie addebitat ir-reat ta' **storn** ai termini tal-artikolu 127 tal-Kodici Kriminali.

Illi l-element essenzjali ghal dan ir-reat ta' storn ('peculato' jew embezzlement) hu li l-awtur irid ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku li jabbuza mill-haga stornata li tkun giet fdata lilu minhabba dak l-impjieg.

Issir riferenza ghal kaz ***Il-Pulizija vs Carmel Saliba*** deciz nhar il-31 ta' Mejju, 2012,[7] fejn il-Qorti rriteniet: *"Illi fir-rigward tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 127, il-Qorti ser tapplika l-istess argumentazzjoni. Hawnhekk id-dolo mehtieg ukoll*

[7] Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Ghawdex), Onor. Magistrat Dr Edwina Grima

*isarraf fil-fatt illi l-ufficjal pubbliku japproprja ruhu jew jisraq flus jew oggetti ohra mobbli sabiex jaghmel profitt u dana b'abbuz tal-fiducja lilu moghtija fil-kariga li jokkupa. Kif ighid il-Professur Mamo: "Strictly speaking the more appropriate word to denote this element of the crime under reference is the first i.e. "misapply" inasmuch as the public officer already has the detention or general possession of the thing: he only betrays the trust resposed in him by diverting it from its destination, by using it unlawully or to his private advantage; in brief by deriving therefrom an unlawful gain."* Huwa jikkwota dak li ighid l-Imhallef Harding*: "Embezzlment is a crimen interversionis – that is, it is completed when the lawful "causa possidendi" is fraudulently substituted by the unlawlul 'causa dominii'. As soon as the sum or thing is misapplied, there is fraudulent conversion."*

Kif ritenut fis-sentenza ***Il-Pulizija vs. Alexander Zammit et***.: *"Wiehed mill-elementi tar-reat ta` storn [Art. 127 - Kodici Kriminali] huwa li l-oggetti in kwistjoni jkunu gew fdati lill-individwu minhabba il-kariga jew impieg tieghu. Kjarament, jew ikun hemm dan l-affidament ta` l-oggetti, jew inkella jkun hemm it-tehid taghhom "invito domino" li hu element tas-serq. Wiehed minn dawn l-elementi ovvjament jeskludi lill-iehor relativament ghall-istess fatt."*[8]

Fis-sentenza ***Il-Maesta tar-Re vs Guzeppi Fenech et***, il-Qorti Kriminali ddikjarat: *"Illi gie deciz minn din l-Qorti, kompsota minn tlett Imhallfin, fil-kawza "Rex vs Brincat"deciza fis-6 ta' April, 1943, illi d-delitt ta' storn kontemplat fl-artikolu 125 tal-Kap.12……huwa specjali ghall-ufficjal jew impjegat publiku; u persuna li ma jkollhiex dik il-kwalita` anke jekk tghin lill-ufficjal publiku, ma tistax tigi akkuzata ta' komplicita` taht dik id-disposizzjoni, ghaliex ikun qieghed jonqos element essenzjali ghal dik id-disposizzjoni, u cjoe il-kwalita` ta' ufficjal jew impejgat pubbliku li jkollu taht idejh il-haga stornata in forza ta' dak l-ufficju tieghu….. Illi fil-kaz "Rex vs Victor Fava" deciz ukoll minn din l-qorti kollegjalment komposta fis-6 ta' Lulju 1943, gie mantenut l-istess principju. U gie spjegat li f'kaz ta' reati simili, il-kwalita` ta' ufficjal pubbliku (u kwindi l-fatt li l-haga tkun fdata lilu minhabba l-karika tieghu) ma ghandhiex bhala bazi l-facilitazzjoni ta' l-ezekuzzjoni tar-reat, imma l-vjolazzjoni ta' dover specjali inkombenti lill-ufficjal pubbliku (li jkollu l-haga fdata lilu) u ghalhekk bhala cirkustanza esklusivament personali ma hijiex kommunikabli. Illi l-principju ta' non-kommunikabilita`, minhabba li si tratta mhux ta' kwistjoni ta' facilitazzjoni, imma ta' vjolazzjoni ta' dover specjali, propunjat f'dawn is-sentenzi huwa accettat mill-Pessina….. Masucci (Dig. It. voce "Partecipazine", n.155). Dan l-awtur tal-ahhar precizament jghid illi d-delitt f'kaz simili, jidderiva "dalla violazione di uno speciale* dovere incombente ad una

---

[8] Deciza 13.03.1998, App. Krim

*determinata persona; neppure puo essere estesa agli altri condeliquenti perche` non sarebbe giusto che risentisce i danni della violazione di un dovere speciale anche chi a questo dovere non era sottoposto". U ghandu jigi nutat li persuna tigi sottoposta ghal dak id-dover mhux biss ghax tkun ufficjal publiku imma ghax il-haga tkun giet fdata lilha minhabba l-karika; u ghalhekk mhux bizzejjed li tkun ufficjal publiku biss, minghajr ma jkun hemm l-affidament tal-haga. Ikompli jghid gustament il-Masucci illi "se l'aggravante forse anche a lui communicabile, si avrebbe questa inammissibile conseguenza che si risponderebbe come complice di un'aggravante nella quale non si sarebbe potato concorrere, se il colpevole, invece di limitarsi alla parte di complice, avesse scelto quella di esecutore del reato". U precizament dan huwa l-aqwa argument. Infatti diversament, kieku ma tigix segwita din it-teorija, jista jkun hemm dan l-assurd; ……..Il-kwalita` ta' ufficjal pubbliku serviet ta' facilitazzjoni ghar-reat, imma b'dan kollu ma tistax tikkomunika ruhha lill-komplici, ghaliex ic-cirkustanza ta' ufficjal publiku, akkopjata ghall-affidament tal-haga stornata minhabba l-kariga, hija mhux aggravanti, imma element tar-reat specjali; u l-komplici, li, ankorke` hu ufficjal publiku, ma kellux pero` l-haga fdata lilu, ma setax jikkometti dak it-titolu ta' reat ghalkemm seta' ikkometta titolu ta' reat iehor. Fl-ewwel kaz hemm it-titolu ta' serq (reat komuni) pju` l-aggravanti, kommunikabbli ghax serviet ta' aggravanti; fit-tieni kaz hemm titolu specjali ta' reat, biss dik ic-cirkustanza (ufficjal pubbliku pju l-affidament tal-haga minhabba l-karika) ma hijiex aggravanti, imma element kostituttiv tar-reat stess, u dak li fih ma tirrikorrix dik ic-cirkustanza ma jistax jikkometti, mhux l-aggravanti, imma ma jistax jikkometti t-titolu stess ta' dak ir-reat specjali. …Illi minn ezami tal-att tal-kawza…jirrizulta li f'dan il-kaz il-haga allegata stornata kienet taht idejn akkuzat wiehed biss, in forza tal-ufficju tieghu, cjoe` ta' Guzeppi Fenech. Iz-zewg koakkuzati l-ohra huma, jew kienu, ukoll impjegati pubblici, sija pure fl-istess dipartiment, imma l-haga stornata ma kienitx fdata lilhom in forza tal-impjieg taghhom…. Illi ghalhekk la darba tonqos dik ic-cirkustanza, ma hemmx lok ghall-komplicita` - salva konsiderazzjoni diversa ta' l-allegat ghemil taghhom, anki in bazi ghall-kwalita` taghhom ta' impjegati publici, kif allegat mill-prosekuzzjoni".* [9]

Fuq dan l-insenjament u fid-dawl tal-provi migjuba, ghalkemm l-imputat kien fdat bl-amministrazzjoni tal-flus tal-Kunsill Lokali, bl-ebda mod ma gie ppruvat illi huwa ghamel uzu hazin minnhom ghad-detriment ta' haddiehor billi ha xi vantagg indebitu ghalih. Kwindi l-imputat se jigi liberat ukoll minn din l-imputazzjoni.

[9] Deciza 16.06.1950 per S.T.O. Sir George Borg, Onor. Dr A.J. Montanaro Gauci, Onor. Dr. W. Harding. Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri, Vol.XXXIVC.iv. fol.930

Illi l-hames imputazzjoni tirrigwarda r-reat ta' **dikjarazzjoni falza, stqarrija falza jew taghrif falz f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika** ai termini tal-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali.

Illi l-Qorti taghmel referenza ghal decizjoni moghtija fl-4 ta' Gunju 2008 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Anton Vassallo***, fejn gie ritenut is-segwenti:

*"Ir-reat deskritt fl-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 jikkontempla forma ta' falsita` ideologika filwaqt illi dak imsemmi fl-Artikolu 189 jikkontempla forma ta' falsita` materjali.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Galea** moghtija fis-17 ta' Ottubru 1997 din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk dwar id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku: "Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioé fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986), p.604). Fi kliem Manzini (Trattato, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non é veridico, perché colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarieal vero".*
*Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F., op. cit., p. 594).*
*S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu, imqar temporaneament, il-messagg – karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik, etc."*

Fil-kaz in ezami ma jirrizultax illi l-Prosekuzzjoni esebiet xi dokument mahsub ghal awtorita` pubblika u li fih l-imputat xjentement ghamel xi dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta xi taghrif falz. Kwindi anke din l-imputazzjonji ma tirrizultax ippruvata.

Illi finalment il-Qorti tosserva illi ghalkemm jista' jkun li kien hemm xi irregolaritajiet ai termini tar-Regolamenti Finanzjarji applikabbli ghall-Kunsilli Lokali, dawn ma jistghu qatt jaghtu lok ghall-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tal-imputat abbazi tal-provi mressqa f'dawn il-proceduri.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti qieghda tiddikjara lill-imputat Michael Borg mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull piena u imputazzjoni.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur